MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2013

Avviz Numru. 276/2013

**Mobisle Communications Limited**
**( C 24655)**
**vs**

**GBS Global Betting Services (Holding) Limited**
**(C 49300)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-16 ta’ Settembru 2013 fejn is-socjeta attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ erbat elef, disgha mija u u hamsa u tmenin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€4,985.23) rapprezentanti bilanc dovut lis-socjeta rikorrenti mis-socjeta konvenuta ghal servizzi tat-telfonija cellulari tan-numri 79223304, 79223303, 79223305 u 79223301 kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez, inkluz tal-Ittra Ufficjali 2115/12 u bl-imghax mit-28 ta' Settembru 2012 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjetaintimata li rappresentant taghha huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gie notifikat lis-socjeta konvenuta fid-29 ta' Settembru 2013 u dan skond ir-riferti posittivi tal-Purtier Reno Spiteri datata 30 ta' Settembru 2013 (fol 23 tergo).

Illi fis-seduta tal-4 ta' Ottubru, 2013 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta.

Rat illi fis-seduta tas 7 ta' Ottubru, 2013 rappresentant tas-socjeta konvenuta, gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, disgha mija u u hamsa u tmenin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€4,985.23) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta w bl-imghaxijiet legali lkoll kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------